

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Webgarden Szolgálató és Kereskedelmi Kft. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 231, 17.7.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2018 – Aurora Group Danmark vs EUIPO – Retail Distribution (PANZER)**

(Kawża T-246/16) <sup>(1)</sup>

(“*Trade Mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2018/C 161/57)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Aurora Group Danmark A/S (Ballerup, id-Danimarka) (rappreżentant: L. Elmgaard Sørensen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment D. Gaja, sussegwentement T. Frydendahl u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Retail Distribution ApS (Hinnerup, id-Danimarka) (rappreżentant: E. A. Skovbo, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Marzu 2016 (Każ R 447/2015-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Retail Distribution u Aurora Group Danmark.

**Dispożittiv**

- 1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- 2) *Aurora Group Danmark A/S u Retail Distribution ApS għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll, kull wieħed, għandu jbbati nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

<sup>(1)</sup> ĠU C 279, 1.8.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Marzu 2018 – Disney Enterprises vs EUIPO – Di Molfetta (DISNEY FROZEN)**

(Kawża T-567/17) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2018/C 161/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Disney Enterprises, Inc. (Burbank, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Graf, avukat)